MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2004

Rikors Numru. 722/1999/1

**Albert Pace Cole**

**Vs**

**Ic-Chairman tal-Maltacom p.l.c., bhala successur tal-Korporazzjoni TeleMalta, ghan-nom u in rapprezentanza tal-Maltacom p.l.c.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors pprezentat mir-rikorrent fil-11 ta' Novembru, 1999, li in forza tieghu, wara li ppremetta illi huwa kien impjegat tal-Korporazzjoni TeleMalta, u fil-1987 kien jokkupa l-kariga ta' *Technical Officer* II fit-*Telex Workshop,* f' St. George's, San Giljan, fejn kien wara l-*Officer in Charge*, li kien ukoll ta' l-istess grad tar-rikorrent, izda '*senior*' tieghu.

Ippremetta li xahrejn wara r-rizultat ta’ l-Elezzjoni Generali tal-1987, ir-rikorrent inqala’ minn fejn kien jahdem bhala *technician* tat-*Telex,* u intbaghat jahdem fl-*Exchange* tat-*Telephone* f’San Pawl il-Bahar, jaghmel xoghol li ma kellux x’jaqsam mas-sengha tar-rikorrent.

Ippremetta li t-trasferiment imsemmi ma kienx gustifikat, u kien motivat minn ragunijiet politici partigjani.

Ippremetta li dak it-trasferiment kien ta’ pregudizzju ghar-rikorrent, u telfu wkoll promozzjoni li kien jisthoqqlu.

Ippremetta sussegwentement li r-rikorrent rega’ gie trasferit, din id-darba ghal *Maritime Station* ta’ Benghajsa, fejn ix-xoghol ma kienx kompatibbli mas-sengha tar-rikorrent, u fejn ir-rikorrent sab ruhu taht *Technical Officer* II iehor, izda li kien ‘*junior’* tar-rikorrent, u ghal madwar hames snin inzamm hemmhekk minghajr ma nghata ebda xoghol x’jaghmel.

Ippremetta li t-trattament hazin li r-rikorrent irceva billi intbaghat ma jaghmel xejn fil-*Maritime Station* f’Benghajsa, kien dovut ukoll ghat-twemmin politiku tar-rikorrent.

Ippremetta li r-rikorrent adixxa l-Kummissjoni dwar l-Impjiegi izda ma hax sodisfazzjon.

Ippremetta li r-rikorrent jemmen li t-trattament li huwa ircieva, mill-1987 sa kemm irtira mill-impjieg, kien diskriminatorju u dovut ghat-twemmin politiku tar-rikorrent.

Ippremetta li b’konsegwenza tat-trattament li ghalih gie suggett fl-impjieg, ir-rikorrent sofra pregudizzju kbir.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil din il-Qorti tiddikjara li t-trattament li l-Korporazzjoni TeleMalta issuggettat lir-rikorrent ghalih mis-sena 1987, hu lesiv tad-dritt fundamentali tieghu li ma jkunx trattat b’mod diskriminatorju minhabba l-opinjonijiet politici tieghu, bi ksur tal-provvedimenti ta’ l-artiklu 45 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, u bil-ksur tal-provvedimenti tal-Konvenzjoni

Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, u l-Onorabbli Qorti hija umilment mitluba sabiex taghti lir-rikorrent ir-rimedji li tiddeciedi li huma xierqa, fic-cirkostanzi tal-kaz.

Rat ir-risposta tas-socjeta’ intimata li biha eccepiet illi:-

1. Illi s-socjeta’ esponenti giet notifikata bir-rikors li ghalih qed issir din ir-risposta.

2. Il-fatt li r-rikorrenti ma hax sodisfazzjon meta adixxa lill-Kummissjoni dwar l-Impjiegi, kif jallega huwa stess fil-paragrafu 7 tar-rikors promotur, ma jintitolax lir-rikorrenti li jadixxi lill-ghola Qorti tal-pajjiz ghas-sodisfazzjon. Kien hemm procedura normali quddiem il-Kummissjoni u din wara li semghet ix-xhieda kollha imressqa quddiemha mill-partijiet u wara li hija stess hasset in-necessita’ li tisma’ u tikkjarifika certi dettalji minghand l-istess xhieda hija waslet ghall-konkluzzjonijiet taghha li r-rikorrenti ma kellu dritt ta’ xejn. Kwindi ma jistax ir-rikorrent jallega trattament diskriminatorju kontra tieghu u jitlob xi rimedji minn din il-Qorti.

3. Illi mhux minnu illi kien hemm ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent ghar-ragunijiet moghtija minnu u cioe’ it-twemmin politiku tieghu.

4. Illi kif gie ritenut fil-proceduri quddiem il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi, it-trasferiment tar-rikorrent kien dettat minn ragunijiet ta’ esigenza tal-kumpanija u bazat fuq l-istrategija taghha.

5. Illi b’rizultat tat-trasferiment li kellu r-rikorrent ma inhalaqlu ebda telf ta’ promozzjoni. Huwa irceva l-istess trattament li kien jircievi kwalsiasi persuna ohra li kellha trasferiment fil-kumpanija – xejn izjed u xejn anqas.

6. Ghal dawn il-motivi t-talbiet tar-rikorrent ma ghandhomx jigu akkolti u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tat-28 ta’ Frar, 2000, fejn is-socjeta’ konvenuta rtirat l-eccezzjoni preliminari taghha

u cioe' li r-rikorrrent ma kienx intitolat li jadixxi lill-Qorti Kostituzzjonali;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti ta' l-istess gurnata li in forza tieghu astjeniet milli tiehu aktar konjizzjoni ta' dik l-eccezzjoni;

Rat li l-partijiet f'din il-kawza kienu qabblu li jigu allegati ma' dan il-process l-atti quddiem il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi li kien itratta ilment bejn l-istess partijiet;

Rat li, fil-fatt, is-Segretarju tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi kien esebixxa kopja ta' l-atti tal-process tal-procedura li kien instemgha mill-Kummissjoni dwar l-Impjiegi fil-kaz bejn ir-rikorrent u t-*TeleMalta Corporation*, liema kaz igib in-numru 1/1996, liema kopja gew mill-istess Segretarju ikkonfermata bhala kopja fidila tal-process originali;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi r-rikorrent f'dawn il-proceduri kien impjegat mal-Korporazzjoni TeleMalta, u tul iz-zmien tieghu ta' impjieg kien jahdem fit-*Telex Workshop* tal-Korporazzjoni f'San Giljan. Xi xahrejn wara l-Elezzjoni Generali tal-1987, ir-rikorrent, li sa dak il-mument kien jokkupa l-kariga ta' *Technical Officer* II, inqala' minn fejn jahdem bhala *technician* tat-*Telex* u intbaghat jahdem fl-'*Exchange* tat-*Telephone*' f'San Pawl il-Bahar. Fil-fatt, ir-rikorrent qatt ma mar jahdem f'dak l-*Exchange*, ghax ma' l-ahbar tat-*transfer*, fuq ordni tat-tabib tieghu, hareg bis-*sick leave*. Sussegwentement ir-rikorrent rega' gie ittrasferit ghal *Maritime Station* ta' Benghajsa, fejn baqa' sakemm irtira.

Hu qed jallega li dawn it-*transfers* saru minhabba t-twemmin politiku tieghu, u t-trattament li nghata kien wiehed diskriminatorju bi ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu kif protetti bil-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem.

Ir-rikorrent jallega li meta gie *transferred* ghall-*exchange* ta' San Pawl il-Bahar hu nghata jaghmel xoghol li ma kellux x'jaqsam mas-sengha tieghu, u meta ntbaghat il-Benghajsa, ix-xoghol li nghata ma kienx kompattibli mas-sengha tieghu, u sab ruhu jahdem taht *Technical Officer* II iehor, li kien, pero'*, 'junior'* tieghu.

Ir-rikorrent ressaq l-ilment tieghu l-ewwel darba quddiem il-Kummissjoni ta' l-Impjiegi b'rikors tas-7 ta' Marzu, 1996, fejn talab li jigi investigat it-trattament li hu ircieva mill-Korporazzjoni TeleMalta minn wara Lulju ta' l-1987, u li jigi dikjarat li t-trattament li huwa ircieva kien diskriminatorju fil-konfront tieghu minhabba t-twemmin politiku tieghu. Il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi tat id-decizjoni taghha fit-28 ta' Ottubru, 1999, u cahdet bhala infondati l-ilmenti kollha tar-rikorrent. Peress li ma hax sodisfazzjon minn dik il-Kummissjoni, ir-rikorrent ressaq dawn il-proceduri li, bazikament, jirripetu l-istess ilmenti li ressaq quddiem il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi.

Il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi kienet inholqot b'emenda li saret fil-Kostituzzjoni ta' Malta bl-Att LVIII tal-1974; illum din il-Kummissjoni tinsab regolata bl-artikolu 120 tal-Kostituzzjoni, u l-funzjoni tal-Kummissjoni tinsab determinata fis-sub-paragrafu (8) ta' l-artikolu 120 li jipprovdi s-segwenti:

(8) Tkun il-funzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi li tizgura li, dwar l-impjiegi, ebda distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza li ma tkunx gustifikabbli f'socjeta' demokratika ma ghandha ssir jew tinghata favur jew kontra xi persuna minhabba l-opinjoni politika taghha.

Il-Kummissjoni tkun maghmula minn *Chairman* u minn erba' membri ohra; ic-chairman jinhatar mill-President tar-Repubblika li jagixxi skond il-parir tal-Prim Ministru moghti

wara li dan ikun ikkonsulta l-Kap ta’ l-Opozizzjoni, filwaqt li fil-hatra ta’ tnejn mill-erba’ membri ohra ghandu jagixxi skond il-parir tal-Prim Ministru, u fil-hatra taz-zewg membri l-ohra ghandu jagixxi skond il-parir tal-Kap ta’ L-Opozizzjoni. Kaz quddiem il-Kummissjoni jista’ jitressaq minn kull persuna li tallega li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza minhabba l-opinjoni politika taghha.

Kif inghad, il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi, fid-decizjoni taghha ma sabetx li r-rikorrent kien gie trattat b’mod differenti minhabba l-opinjoni politika tieghu izda f’dawn il-proceduri, r-rikorrenti qed jerga’ jissottmetti, din id-darba ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti, li t-trattament tieghu wara l-1987, kien diskriminatorju u dovut ghat-twemmin politiku tieghu.

L-artikolu rilevanti tal-Kostituzzjoni huwa l-artikolu 45 li, fis-sub-paragrafi (2) u (3) tieghu, jiddisponi dan li gej:

“(2) Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet as-subartikoli (6), (7) u (8) ta’ dan l-artikolu, hadd ma ghandu jigi trattat b’mod diskriminatorju minn xi persuna li tagixxi bis-sahha ta’ xi ligi miktuba jew fil-qadi tal-funzjonijiet ta’ xi kariga pubblika jew xi awtorita’ pubblika.

(3) F’dan l-artikolu, il-kelma “diskriminatorju” tfisser ghoti ta’ trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli ghal kollox jew principalment ghad-deskrizzjoni taghhom rispettiva skond ir-razza, post ta’ origini, opinjonijiet politici, kulur, fidi jew sess li minhabba fihom persuni ta’ deskrizzjoni wahda bhal dawn ikunu suggetti ghal inkapacitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta’ deskrizzjoni ohra bhal dawn ma jkunux suggetti ghalihom jew ikunu moghtija privileggi jew vantaggi li ma jkunux moghtija lil persuni ta’ deskrizzjoni ohra bhal dawn.”

L-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kap 319) gie wkoll invokat mir-rikorrenti, izda ghad-differenza tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, il-Konvenzjoni Ewropeja ma tittrattax id-diskriminazzjoni b’mod awtonomu, izda tipprovdi, fl-artikolu 14 ta’ l-Ewwel Skeda ta’ l-Att (li

taghmel riferenza ghall-artikoli 2 sa 18 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali), li:

“It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f’din il-Konvenzjoni ghandha tigi assigurata minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni bhalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika jew opinjoni ohra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma’ minoranza nazzjonali, proprjeta’, twelid jew *status* iehor.”

F’ebda stadju mar ir-rikorrent indika liema huma dawk id-drittijiet u libertajiet li fit-tgawdija taghhom hu gie trattat b’mod diskriminatorju, u lanqas ma pprecisa kif l-allegat agir ta’ l-intimat illeda xi dritt tieghu protett bil-Konvenzjoni. Fin-nuqqas ta’ tali spjegazzjoni, jew ahjar, specifikazzjoni, din l-Qorti ma tistax, *sua sponte*, tiddetermina hi liema dritt qed jigi allegat li gie miksur jew fid-tgawdija ta’ liema dritt l-intimat agixxa b’mod diskriminatorju, ghax zgur mhux kompitu tal-Qorti li ddur id-drittijiet u l-liberatajiet kollha kontemplati fil-Konvenzjoni biex tara liema jistghu jkunu applikabbli ghall-kaz tar-rikorrent. *Inoltre,* skond l-artikolu 7 ta’ l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja, ebda ksur ta’ l-artikoli 2 sa 18 (inkluzi) tal-Konvenzjoni li jsir qabel l-1 ta’ April, 2002, ma ghandu jaghti lok ghal xi azzjoni taht dak l-Att, u peress li t-trattament impunjat f’dan il-kaz sar qabel l-1 ta’ April, 2002, din il-Qorti, b’dispozizzjoni espressa tal-ligi, hija prekluza li tiddetermina jekk l-agir impunjat jivvjolax xi wiehed jew aktar mid-drittijiet u libertajiet kontemplati fil-Konvenzjoni.

Ittrattat il-kaz fil-kuntest tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, din il-Qorti trid tirrimarka li, fil-fehma taghha, ma tarax li l-holqien tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi kien intiz biex jipprovdi lill-haddiem li qed jallega trattament diskriminatorju minhabba l-opinjoni politika tieghu, b’rimedju ulterjuri ghal dak provdut lilu bl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta; ma jidhrix li kien il-hsieb li jekk impjegat ma jiehux sodisfazzjon minn idejn Tribunal ikun jista’ jressaq l-istess ilment quddiem Tribunal differenti. Il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi nholqot b’kompetenza determinata u ristretta li, fil-limiti ta’ dik il-kompetenza,

inghatalha funzjoni li kien gja moghti lill-Qrati ordinarji bis-sahha ta' l-artikolu 4 tal-Kostituzzjoni. L-Att LVIII tal-1974 ma zied ebda dritt gdid ghall-impjegati, hlief li pprovda rimedju specjali u, forsi, aktar spedjenti ghall-impjegati li jhossu ruhhom trattati b'mod diskriminiatorju minhabba t-twemmin politiku taghhom; ipprovda wkoll li dawn l-ilmenti jigu trattati minn Kummissjoni li setghet tkun komposta min-nies aktar qrib il-post tax-xoghol milli minn gudikant li, ftit jew wisq, min-natura tal-pozizzjoni tieghu, jrid izomm ruhu maqtugh mid-dinja ta' madwaru. Kien mahsub li Kummissjoni mahtura minn nies hekk vicin il-post tax-xoghol, tkun f'qaghda li tifhem aktar u ahjar s-sitwazzjoni ta' l-impjegat, u tkun tista' tapprezza ahjar ic-cirkustanzi u r-ragunijiet wara t-trattament impunjat mill-impjegat, a differenza mill-gudikant li l-esperjenza tieghu tkun limitata ghall-aspetti *giuridici* u legali ta' kull agir. *Nonostante* dan il-funzjoni tal-Qrati ordinarji f'kaz ta' allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju minhabba twemmin politiku ma tnehhiex u, fil-fatt, ilmenti simili kienu u baqghu jitressqu quddiem dawn il-Qrati bi preferenza fuq il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi, possibilment, peress li l-indipendenza assoluta, l-imparzjalita' u s-*security of tenure* ta' kull Gudikant, taghmel lil dawn il-Qrati, Tribunali aktar affdati u rispettati minn kull Kummissjoni *ad hoc*.

Hi x'inhi, ma jidhirx li kien il-hsieb li wiehed jista' jirrikorri darbtejn ghall-istess rimedju quddiem zewg Tribunali differenti. Il-holqien tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi ma kienx intiz biex inehhi l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti, pero', lanqas ma kien intiz li jipprovdi rimedju iehor ghall-istess ilment. Il-Kummissjoni inholqot biex l-impjegat ikollu rimedju <u>alternattiv</u>, mhux biex ikollu rimedju duplici. Impjegat li jallega fil-konfront tieghu trattament diskriminatorju minhabba l-opinjonijiet politici tieghu jista' jressaq l-ilment quddiem il-Qrati ordnarju jew quddiem il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi, izda mhux li jadixxi lit-tnejn, bl-isperanza li jiehu sodisfazzjoni x'imkien! Jekk l-ilment ta' l-impjegat jigi mistharreg kif trid il-ligi minn Tribunal wiehed, u dak it-Tribunal ma jaghtix ragun lil dak l-impjegat, dan ma jsitax jitlob ezami gdid (speci ta' retrattazzjoni) minn Tribunal iehor.

Hu veru li qabel ma wiehed jirrikorri ghar-rimedju Kostituzzjonali, jrid l-ewwel jezawrixxi r-rimedju kollha ordinarji, pero', f'dan il-kaz ma hemmx differenza sostanzjali bejn ir-rimedju "ordinarju" u dak provdut bl-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni. Rimedju ordinarju jiftiehem bhala rimedju sostantiv ghall-ilment partikulari, waqt li, jekk dan ma jirrizultax sufficjenti, dak li jkun jista' japplika li jinghata kull tip ta' rimedju, inkluz il-hlas ta' danni morali, peress li l-ligi ordinarja ma tkunx ipprovdietu b'rimedju li specifiku ghall-ilment tieghu. Hawnhekk, ir-rimedju li tista' toffri l-Kummissjoni dwar l-Impjiegi huwa l-istess bhal dak mitlub f'dawn il-proceduri, u ma jidhrix li ghandu jkun permessibbli li l-istess rimedju jkun jista' jintalab darbtejn minn Tribunali differenti.

Hekk ukoll, per ezempju, hija l-funzjoni tat-Tribunal ghall-Affarijiet tal-Konsumatur, li ghandu kompetenza mhux esklussiva u ma tnehhix il-kompetenza tal-Qrati ordinarji, li jittratta kawza li tidhol fil-kompetenza tat-Tribunal jekk tkun hekk aditta. Konsumatur, pero', li jressaq l-ilment tieghu quddiem dak it-Tribunal u ma jinghatax ragun, jista' jikkontesta dik id-decizjoni fil-limiti permessi bil-ligi, izda ma jistax jitlob li l-kaz tieghu jigi trattat mill-gdid minn dawn il-Qrati qiesu xejn m'hu xejn.

Il-gurisdizzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi, kif ukoll tat-Tribunal ghall-Affarijiet tal-Konsumatur, mhiex wahda la obbligatorja u lanqas esklussiva, pero', darba parti jadixxi dik il-Kummissjoni u jissottometti ruhu ghal-gudizzju taghha, fil-fehma tal-Qorti, ma jistax jinjora u jarmi dik id-decizjoni, u jipprova jitlob l-istess rimedju band'ohra.

Il-ligi procedurali taghna tipprovdi ghall-eccezzjoni ta' *res judikata* proprju biex tevita ezami duplici ta' l-istess meritu. Din il-Qorti, fil-kawza "Galea et vs Falzon et" deciza fis-7 ta' Frar,2002, osservat li l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha bhala sisien taghha (a) l-interess pubbliku, u (b) hija mahsuba biex thares ic-certezza tal-jeddijiet li jkunu gew difiniti f'sentenza, (c) li tbieghed il-possibilita' ta' decizjonijiet li jmorru kontra xulxin, u (d) li taghlaq il-bieb li kwistjonijiet definiti jibqghu jinfethu bi hsara tal-jeddijiet

stabbiliti b'sentenza li tkun diga' nghatat dwar dik il-vertenza. F'dan il-kaz, inoltre, iz-zewg rimedji huma moghtija mill-Kostituzzjoni ta' Malta, u z-zewg Tribunali kompetenti huma wkoll "protetti" fl-istess Kostituzzjoni, fis-sens li bidla fl-att kostituttiv jehtieg vot favur ta' mhux anqas minn zewg terzi tal-membri kollha tal-Parlament (art. 66 (2) tal-Kostituzzjoni). Il-fatt li din il-Qorti giet adita biex tisma' l-kaz fil-kuntest tad-drittijiet fonamentali tal-bniedem, u mhux hekk kienet il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi, m'ghandhiex taghmel differenza ghall-gudikat, meta tqies li dak id-dritt fundamentali invokat (tharis minn diskriminazzjoni minhabba twemmin politiku), gie nkorporat, kwazi *verbatim*, fil-kompetenza specifika tal-Kummissjoni, li, fid-determinazzjoni ta' kull ilment li jaqa' fil-funzjonijiet taghha, tkun trid, naturalment, taghmel, riferenza anke' ghad-duttrina u t-taghlim fuq din il-materja. Fil-fatt, il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi, f'dan il-kaz, fit-trattament ta' x'inhu agir diskriminatorju, irriferit ghall-artikolu 45 (3) tal-Kostituzzjoni, aktar qabel kwotat.

F'dan il-kaz, gara, pero', li eccezzjoni f'dan il-kuntest, giet l-ewwel moghtija mis-socjeta' intimata u wara irtirata mill-istess socjeta' intimata. Mhux car, fil-gurisprudenza, jekk il-Qorti tistax tissoleva hi stess *ex officio* l-gudikat. Jidher, li l-Qorti tista' tissolevha hi stess meta, ghalkemm l-eccezzjoni ma tkunx giet formalment moghtija, tkun saret riferenza ghad-decizjoni precedenti (ara "Mallia vs Giordmaina" deciza minn din il-Qorti fil-11 ta' Novembru, 1957 (Vol. XLI.II.1163), "Cassar vs Zammit", deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-4 ta' Novembru, 1955 (Vol.XXXIX.1.282), u "Bonello vs Pule" , deciza minn din il-Qroti fis-17 ta' Frar, 1995). F'dan il-kaz, ir-riferenza ghad-decizjoni precedenti saret, l-eccezzjoni formali inghatat, pero' wara giet irtirata. F'sitwazzjoni simili, cioe', fejn eccezzjoni tal-gudikat giet irtirata, din il-Qorti, fil-kawza "Zammit vs Agius" , deciza fis-16 ta' Dicembru, 1982, kienet iddikjarat li, fic-cirkustanzi, l-kwistjoni tal-gudikat kienet giet sorvolata u rega' gie diskuss il-meritu mill-gdid.

Din il-Qorti, kif issa presjeduta, ghandha d-dubji taghha dwar kemm din il-procedura hija valida, ghax jekk il-

gudikat ghandha bhala sisien taghha l-ordni pubbliku u c-certezza tad-dritt, difficcli jigi ammess li dak kollu jista’ jigi skartat bi qbil bejn il-partijiet f’kawza. Fic-cirkustanzi, pero’, din il-Qorti thoss li jkun ahjar jekk terga’ tezamina l-kaz sabiex tiddeciedi jekk kienx hemm agir diskriminatorju da parti tas-socjeta’ intimata, avolja, fil-fehma konsiderata taghha, tkun qed taghti lir-rikorrent ezami doppju (u forsi triplu, f’kaz ta’ appell), tal-kaz tieghu.

Issa, biex ikun hemm diskriminazzjoni, skond l-awturi *van Dijk and van Hoof*, kwotati mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza “Xuereb vs Kummissarju tal-Pulizija”, deciza fis-17 ta’ Frar, 1999, irid ikun hemm *“(a) differential treatment of (b) equal cases without there being (c) an objective and reasonable justification, or if (d) proportionality between the aim sought and the means employed was lacking”.* Kwindi, biex ikun hemm diskriminazzjoni, mhux bizejjed li wiehed jilmenta li gie trattat hazin jew li gie trattat bi pregudizzju jew bi hsara ghad-drittijiet tieghu, izda dak l-agir irid jigi mqabbel ma’ agir fil-konfront ta’ persuna ohra fl-istess sitwazzjoni bhar-rikorrenti, u bid-differenza fit-trattament ma jkollhiex spjegazzjoni hlief l-opinjoni politika differenti taz-zewg persuni (ara wkoll “Cacopardo vs Ministeru tax-Xogholijiet Pubblici”, deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta’ Frar, 1987, u “Sultana vs Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru”, deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta’ Mejju, 1999).

Mill-premess ghandu jidher car li r-riferenza li saret mir-rikorrent ghad-decizjoni tat-Tribunal Ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji fil-kaz ta’ “Zammit vs Korporazzjoni TeleMalta”, deciza fl-4 ta’ Lulju, 2001, m’ghandha ikollha ebda rilevanza ghall-mertu ta’ dan il-kaz. Anke jekk ir-rikorrent f’dawk l-proceduri, Oscar Zammit, kien fl-istess sitwazzjoni bhar-rikorrent odjern, u anke jekk, per analogija jkun jista’ jinghad li saret xi ingustizzja mar-rikorrent odjern, dan ma jfissirx li kien hemm diskriminazzjoni politika. Wiehed jista’ jigi *singled out* ghal trattament inuman, jew mehud lilu l-proprjeta’ tieghu minghajr kumpens xieraq, jew soggett ghal diversi ingustizzji (ilmenti dawn li kollha jistghu jkunu l-oggett ta’

kawzi bbazati specifikament fuqhom), izda dan ma jwassalx ghal trattament diskriminatorju, sakemm ma jkunx hemm persuna, f'sitwazzjoni identika, li tkun giet ittrattata differenti. Anzi, jekk kif irid r-rikorrent, isir qbil mal-kaz ta' Oscar Zammit, wiehed jista' jasal ghall-konkluzzjoni li t-tnejn gew trattati l-istess u mhux b'mod differenti!

Fil-kawza "Spiteri vs Mejlaq noe" , deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru, 1994, instab kaz ta' diskriminazzjoni mhux ghall-fatt biss li r-rikorrent ma kienx jinghata *overtime* fid-Drydocks, izda ghax haddiema fl-istess sitwazzjoni bhal tieghu, inghataw *overtime*, u d-differenza kienet li l-haddiema l-ohra kienu affiljati fil-*General Workers Union* u r-rikorrent le. Kien minhabba dan it-trattament differenti, mhux bazat fuq ragunijiet accettabbli f'socjeta' demokratika, li dik l-Onorabbli Qorti sabet kaz ta' diskriminazzjoni.

Issa, fil-kaz in ezami, ma jirrizultax trattament differenti fuq bazi ta' opinjoni politika. Fil-fatt, jirrizulta li wara l-elezzjoni tal-1987 saru diversi *transfers* (b'kollox 280) u ma jirrizultax la li gew *transferred* haddiema ta' fehma politika partikolari biss, u lanqas li r-rikorrent inghata *transfer* partikolari jew specjali minhabba l-impenn politiku tieghu. Fil-fatt, jirrizulta li hu tnehha mill-*workshop* ta' San Giljan, mhux minhabba l-veduti politici tieghu, izda ghax hemmhekk kellu l-ghedewwa, u dan, ukoll, mhux minhabba l-politika izda ghax, kif xehed Edward Chetcuti, kien bniedem "zbukkat" hafna, fis-sens li "kelma jghidha u certu nies ma kienux jiehdu pjacir b'dik l-attitudni tieghu". L-argumenti li kienu jinqalghu ma kienux biss dwar il-politika, izda wkoll dwar *football* u affarijiet ohra, u, minhabba l-attitudni tieghu, l-argumenti gieli tant kibru li l-haddiema kwazi gew fl-idejn.

Jirrizulta wkoll li meta r-rikorrent gie *transferred* ghal San Pawl il-Bahar, l-ilment principali tieghu kien determinat mill-fatt li l-post gdid tax-xoghol tieghu kien il-boghod min fejn joqghod (ir-rikorrent minn Santa Lucia), u ma giex allegat li t-*transfer* kien wiehed politiku. Is-socjeta' ntimata offriet li tibghatu z-Zejtun, vicin fejn joqghod, izda ma riedx

imur hemm ghax ma kienx jaf in-nies li kienu jahdmu f'dak l-exchange. Saritlu, imbaghad, offerta li jmur fil-*Maritime Station* ta' Benghajsa, limiti ta' Birzebbuga, u r-rikorrent accetta li jmur hemm ghax kien jaf in-nies li jahdmu hemm, avvolja x-xoghol kien ukoll, ftit jew wisq, estraneu ghalih. Hemmhekk, jirrizulta, kien hemm xoghol li jsir, pero', ir-rikorrent deher li ma kienx propens li jipprova jitghallem ix-xoghol il-gdid li kien isir f''dak l-istazzjon, u kien jippreferi joqghod jaqra l-gazzetti u jigbor il-bebbux! *Nonostante* li l-*output* tieghu kien kwazi *nil,* ma giex iddixxiplinat u ma ttiehdu ebda passi kontra tieghu, li juri li ma kienx gie *singled out* ghall-vendikazzjoni minhabba t-twemmin politiku tieghu.

Ghar-rigward tan-natura tax-xoghol tar-rikorrent, jigi spjegat li r-rikorrent hu ex-impjegat tal-*Cable & Wireless Limited*, kumpanija privata li kienet tiehu hsieb il-kommunikazzjoni tat-*telexes* f'Malta; it-*telephone* kien jitmexxa dejjem mill-Gvern. Wara l-Elezzjoni Generali tal-1971, il-Gvern inkorpora s-sistema tat-*telephones* fil-Korporazzjoni TeleMalta, u wara li wasal f'arrangament mal-kumpanija *Cable & Wireless*, il-Gvern ha taht idejh ukoll il-komunikazzjoni bit-*telexes*, u inkorpa din is-sistema fil-Korporazzjoni TeleMalta. Ir-rikorrent ghazel li jmur mat-TeleMalta meta l-*Cable & Wireless* waqfet topera hawn Malta, u b'hekk spicca f'Korporazzjoni li kienet tiehu hsieb il-mezzi kollha ta' kommunikazzjoni hawn Malta. Ir-rikorrent allura, ma setghax ikompli jinsisti li hu jahdem biss fuq is-sistema tat-*telexes*, meta hu stess ghazel li jmur ma' socjeta' li kienet timmanigja kemm it-*telexes* kif ukoll it-*telephones*. Impjegati ta' din il-Korporazzjoni kellhom jistennew li jkun hemm certu ammont ta' flessibilita', u jahdmu fuq it-*telexes* u/jew it-*telephones* skond l-esigenzi. Anke dwar dan, ir-rikorrent ma jidhirx li saret diskriminazzjoni mieghu.

Inoltre, l-mezzi ta' komunikazzjoni kienu u ghadhom jizviluppaw u jinbiddlu maz-zmien, u haddiem f'dak il-qasam ma jistax jghid li la darba hu hadem biss fuq it-*telexes*, kellu bilfors jibqa' jahdem hemmhekk. Illum, it-*telexes* ftit li xejn ghadhom jintuzaw, u haddiem ma jistax jirrifjuta li jahdem fuq sistemi godda ta' komunikazzjoni

ghax dik qatt ma kienet il-linja tieghu. Il-Korporazzjoni ntimata kienet, wiehed jasal biex ighid, pozittiva fil-konfront tar-rikorrent, ghax ghalkemm dan kien jirrifjuta li jitghallem sistemi godda u differenti ta’ komunikazzjoni, xorta wahda hallietu fuq il-post tax-xoghol u ma hadet ebda passi dixxiplinari kontra tieghu. Impjegat b’din l-attitudni, mhux ta’ b’xejn li ma inghatax *promotion* – hu ried jibqa jahdem fuq sistema ta’ komunikazzjoni antikwata, u ma riedx jaggorna ruhu jew juri certa flessibilita’ fix-xoghol tieghu. Ma jidhirx, allura, li hu kien jghin lilu nnifsu biex javvanza fuq il-post tax-xoghol, u kienet din, wisq aktar mit-twemmin politiku tieghu, li zammitu lura milli javvanza.

Meta ntbaghat fl-istazzjoni ta’ Benghajsa, ir-rikorrent kellu jiehu ordnijiet minghand persuna fl-istess grad tieghu, izda li kien *‘junior’* tieghu. Ma giex muri xi kwalifiki kellha din il-persuna, ghax wiehed li jkun ‘*junior*’ fiz-zmien tas-servizz, jista’ facilment ikun *‘senior’* fil-kwalifiki u l-kapacitajiet amministrattivi. F’kull kaz, dan it-trattament jista’ jwassal ghall-argument li hu kien gie trattat b’ingustizzja, pero’, ma giex muri li ma kien hemm hadd iehor fl-istess sitwazzjoni, jew ahjar, li impjegati ta’ twemmin politiku differenti kienu kollha imqieghda f’sitwazzjoni differenti.

Il-bazi ta’ l-azzjoni tar-rikorrent hija diskriminazzjoni politika, u din, fil-fehma tal-Qorti, ma gietx pruvata. Interessanti hija l-ittra li l-*General Workers Union*, l-ghaqda li taghha r-rikorrent kien membru, kitbet lis-socjeta’ intimata fl-24 ta’ Lulju, 1987, wara t-*transfer* li qala’ r-rikorrent. F’dik l-ittra l-*Union* talbet li l-kaz tar-rikorrent jigi trattat fuq bazi umanitorja biex ma jithallix ikompli jahdem San Pawl il-Bahar, ghal fejn ikollu jaqbad zewg karozzi tal-linja mir-residenza tieghu. F’ebda hin ma allegat diskriminazzjoni politika, izda kull ma talbet, fuq bazi umanitorju, hi li r-rikorrent jintbaghat jahdem f’post vicin id-dar tieghu, u s-socjeta’ ntimata accettat li taghmel dan.

Din il-Qorti, ghalhekk, bhal Kummissjoni dwar l-Impjiegi qabilha, ma ssibx li kien hemm xi diskriminazzjoni politika fit-trattament tar-rikorrenti, u ma tarax li r-rikorrent ipprova

l-allegazzjoni tieghu li hu gie trattat b'mod diskriminatorju minhabba l-opinjonijiet politici tieghu.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, ssib li r-rikorrent ma irnexxielux jipprova l-kawza tieghu u, kwindi, qed tghaddi biex tichad it-talbiet tar-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------